MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008

Numru. 732/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Mario Haber]**

**vs**

**Steve Vassallo**

Kumpilazzjoni Numru: 732/2008

**Illum 13 ta’ Ottubru, 2008,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Steve Vassallo ta’ 24 sena, iben Carmelo u Anna nee` Marmara, imwieled Pieta`, fit-12 ta’ Ottubru 1984, residenti Sunset Court, Triq Hal Bordi, Lija detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 504384M.

Akkuzat talli matul il-gurnata tas-27 ta’ Gunju 2008, minn gewwa r-restaurant Bacchus, l-Imdina kkommetta serq ta’ 20 Euro, ghad dannu ta’ Philip Sciortino ID 677457M, liema serq huwa aggravat bil-persuna u l-mezz.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 13 ta’ Ottubru 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-artikoli 261(b)(d), 263 u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha l-ohra.
Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammont misruq, l-fatt li l-imputat irritorna l-ammont misruq minnu, l-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, kif ukoll il-fedina penali tieghu li hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(d), 263 u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-llum.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk huwa jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------